II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2020/1598 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Ottubru 2020

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni minn Spanja — EGF/2020/001 ES/Is-setturi anċillari għall-bini tal-vapuri fil-Galicia

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([2]), u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu l-għan li jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u lil persuni li jaħdmu għal rashom li lattività tagħhom waqfet b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida, u biex jgħinhom flintegrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) Il-FEG ma jridx jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (il-prezzijiet tal2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ([3]).

(3) Fit-13 ta' Mejju 2020, Spanja ssottomettiet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, firrigward tal-għoti tas-sensji fis-setturi ekonomiċi kklassifikati taħt il-klassifikazzjoni Statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("NACE") Reviżjoni 2 Diviżjonijiet 24 (Manifattura ta' metalli bażiċi), 25 (Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr magni u tagħmir), 30 (Manifattura ta' tagħmir ieħor għat-trasport), 32 (Manifattura oħra), 33 (Tiswija u installazzjoni ta' makkinarju u tagħmir) u 43 (Attivitajiet ta' kostruzzjoni speċjalizzati) firreġjun ta' livell 2 ta' NUTS tal-Galicia (ES11) fi Spanja. Din kienet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

(4) Skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, l-applikazzjoni minn Spanja titqies ammissibbli, peress li hija applikazzjoni kollettiva li tinvolvi biss SMEs li jinsabu firreġjun tal-Galicia fejn l-SMEs huma t-tip ewlieni ta' negozju u s-sensji għandhom impatt serju fuq l-impjiegi u fuq l-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.
([2]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

(5) Għalhekk, l-FEG jenħtieġ li jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 2 054 400 fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa minn Spanja.

(6) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, din iddeċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2020, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 2 054 400 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-20 ta' Ottubru 2020.

Magħmul fi Brussel, l-20 ta' Ottubru 2020.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
D.M. SASSOLI	M. ROTH